MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 954/2004

**Avviz Numru 954/04 AJD**

**Paul Borg f'ismu u bhala propjetarju tad-ditta Meadows & Co**

**vs**

**Joseph Ciappara**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmintax il-Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm418.41) rapprezentanti spejjes fuq servizzi u licenzji dovuti mill-konvenut lill-attur.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fiid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li mhux debitur tal-attur fl-ebda ammont.
Illi fi kwalunkwe kaz l-attur qabad u hallas hu minghajr il-kunsens tieghu.
In sussidju u minghajr pegudizzju ghas-suespost, l-ammont talvolta dovut ghandu jkun ferm anqas stante li l-eccipjent ma ghamilx il-perijodu kollu izda ftit xhur.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur, tal-konvenut, ta' Dr. Michael Camilleri u ta' Dr. Adrian Camilleri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-parjtiet.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mill-attur fejn huwa rriduca t-talba tieghu bis-somma ta Lm21.41.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Il-konvenut kien jikri minghand l-attur fond konsistenti *f'bar and restaurant* f'Bugibba ghal perijodu ta' ghaxar snin skond ftehim  esebit a fol. 17 u 18 tal-process. Il-kirja giet terminata fil-31 ta' Mejju 2003. Skond l-imsemmi ftehim bejn il-partijiet il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas il-permessi u l-licenzji kollha konnessi mar-*restaurant* ghal perijodu tal-kirja (ara klawzola 7c tal-kuntratt). Meta giet terminata il-kirja u l-attur mar sabiex jaqleb il-permessi u l-licenzji minn fuq il-konvenut ghal fuqu gie infurmat mill-Malta Tourism Authority li kien hemm zewg fatturi konnessi ma' hlas ta' licenzji ghas-sena 2003 li kienu pendenti u li qabel ma jithallsu dawn il-fatturi ma setghax isir it-trasferiment (ara ittra a fol. 20 u l-fatturi realttivi a fol. 21 u 22). L-attur hallas dawn iz-zewg fatturi sabiex ikun

jista’ jsir it-trasfermiment u qieghed issa jitlob ir-rifuzjoni ta’ dan l-ammont minghand il-konvenut.

Il-konvenut jikkontendi li l-ammont m’huwiex dovut minnu peress li l-attur effetwa t-trasferiment tal-licenzja minghajr il-kunsens tieghu u li fi kwalunkwe kaz huwa dam jokkupa l-fond sal-31 ta’ Mejju 2003 u mhux sal-ahhar ta’ dik is-sena u ghalhekk m’ghandux ihallas l-ammont dovut ghall-licenzji ghas-sena kollha.

It-Tribunal jidhhirlu li l-attur ma kellux ghalfejn jitlob il-kunsens tal-attur qabel ma jeffetwa t-trasferiment tal-licenzji u dan stante li fil-mument li sar it-trasferiment il-kirja kienet giet terminata u l-attur seta’ liberament jitrasferixxi l-licenzji fuq ismu anki peress li l-konvenut ma kellu ebda titolu fuq il-fond in kwistjoni u l-licenzji kienu jirrigwardaw l-uzu tal-fond. Dan hu konfermat mill-fatt li l-Awtorita’ koncernata esigiet prova li l-kirja kienet giet terminata u una volta li kellha din il-prova accettat li teffetwa it-trasferiment tal-licenzji minghajr ma talbet il-kunsens tal-konvenut u dan proprju ghaliex hija kellha prova li l-konvenut ma kienx ghad ghandu ebda titolu fuq il-fond.

Il-fatturi in kwistjonij irrigwardaw il-licenzji rikjesti sabiex il-fond ikun jista’ jgi operat bhala *bar and restaurant* ghall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2003 sal-31 ta’ Dicembru 2003. Huwa minnu li l-konvenut dam jokkupa l-fond sal-31 ta’ Mejju 2003 u mhux ghas-sena kollha li ghaliha jirreferu dawn il-fatturi, izda fil--fehma tat-Tribunal peress li l-ammont sar dovut lil Malta Tourism Authoriity fil-bidu tas-esna 2003, u cioe’ fil-perijodu meta l-konvenut kien ghadu qed jokkupa l-fond, kien huwa, u mhux l-attur, skond il-ftehim bejn il-partjiet li kellu jhallas dawn il-licenzji. Irid jigi rilevat li mix-xhieda ta’ Dr. Michael Camilleri, li xehed in rapprezentanza tal-Malta Toruism Authority, rrizulta li huwa possibbli biss li licenja tithallas ghal perijodu ta’ sitt xhur jew anqas meta applikazzjoni issir wara Lulju ta’ sena partikolari u dan sabiex imbaghad il-licenzja tas-sena ta’ wara issir dovuta f’Jannar tas-sena sussegwenti. Fil-kaz odjern il-licenjza saret dovuta f’Jannar 2003 u kellha tihallas ghal perijodu ta’ sena. Kif diga’ ntqal aktar

il-fuq fil-mument li l-ammont in kwistjoni sar dovut il-fond kien ghadu okkupat mill-konvenut u ghalhekk l-ammont in kwistjoni kien dovut minnu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici kif ridotti u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm397.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------